MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1675/2003

**Falcon Tours Limited**

**vs**

**Sidney Sullivan f'ismu proprju u ezercjenti**
**l-kummerc taht l-isem "Ziffa Internet Café'"**
**u Sesco Investments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti bilanc fuq prezz ta' servizzi ta' reklamar, liema servizzi gew ipprovduti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut Sidney Ellul Sullivan, permezz ta' *booking order* datata 25 ta' Jannar 2002 (kopja annessa ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Marzu u cioe' id-data ta' ta'l-eghluq tat-terminu ta' xahrejn skond kif miftiehem fil-*booking order* imsemmi (Dokument A) sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma ingunti in subizzjoni.

Ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici datata 24 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha hija cediet l-atti tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Sema ix-xhieda tal-konvenut Sidney Sullivan ghan-nom tal-konvenuti fejn huwa iddikjara illi huwa kien hallas l-ammont dovut kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tas-socjeta konvenuta u dana f'zewg pagamenti wiehed ta' Lm100 f'Marzu 2003 u dana skond kif jirrizulta mid-dokumenti SS1 u SS2 esebieti fl-atti tal-kawza u il-bilanc ta' Lm95.50 permezz ta' cekk datat 12 ta' Settembru 2003 li gie esebit u immarkat bhala FTL1. Inoltre huwa qieghed jikkontesta t-talba maghmula mis-socjeta attrici ghal hlas ta'l-ispejjez tal-kawza u dana peress illi huwa iddikjara illi il-bilanc ma kienx thallas f'Marzu 2003 peress illi kien hemm zball fl-*invoice* mahruga mis-saocjeta attrici rigwardanti il-V.A.T fl-ammont ta' Lm4.50 u li huma kienu qed jistennew il-korrezzjoni f'din l-*invoice* qabel ma ihallsu dan il-bilanc, liema korrezzjoni madankollu baqghet qatt ma saret mis-socjeta attrici ghalkemm interpellata sabiex taghmel dan diversi drabi. Illi l-bilanc rimanenti kellu jithallas meta ircevew l-avviz tal-kawza.

Ikkunsidra,

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tas-socjeta attrici ghal-fatt illi hija kienet ghamlet zball fl-invoice mahruga favur il-konvenuti fl-ammont ta' Lm4.50 u dana jirrizulta mill-fatt illi hija accettaw il-hlas ta' Lm95.50 u cediet l-mertu tal-kawza.

Illi lanqas ma kien hemm kontestazzjoni illi l-konvenuti effettwaw l-ewwel pagament f'Marzu 2003. Illi ciononostante, is-socjeta attrici xortawahda dehrilha illi kellha tintavola l-presenti istanza ghall-ammont kollu ta'

Lm200 meta kienet taf ben tajjeb illi l-ammont ta’ Lm100 kien diga’ thallas.

Illi finalment peress illi x-xhieda tal-konvenut Sidney Sullivan hija wahda kredibbli u verosimili, it-Tribunal jaqta u jiddecidi, anke fuq bazi ta’ ekwita, illi s-socjeta attrici ma ghandhiex dritt tithallas minn ghand il-konvenuti ghall-ispejjez tal-kawza.

Illi fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi il-kawza ghandha tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------